Kitba ta' Chev Mario Coleiro OSJ



# Dar San Ġużepp f'Santa Venera

Id-devozzjoni lejn San Ġużepp f'pajjiżna hija waħda kbira ħafna u mifruxa sewwa. Din id-devożjoni tant daħlet fil-ħajja tal-poplu Malti li llum saret ħaġa waħda mal-kultura ta' pajjiżna. Biżżejjed biex nifhmu dan inħarsu lejn in-numru ta' ismijiet ta' nies, toroq, pjazez, djar u ħwienet kollha marbuta ma' dan il-qaddis. Ma rridux ninsew il-parroċċi li nsibu ddedikati lil San Ġużepp kif ukoll in-numru sabiħ ta' fratellanzi, każini tal-banda, għaqdiet soċjali, kmamar tan-nar u saħansitra każini tal-futbol li insibuhom iġibu ismu.

Fost il-binjiet storiċi li nsibu f'pajjiżna imsemmija għal San Ġużepp insibu l-palazz u l-knisja fuq Triq il-Kbira San Ġużepp ġewwa Santa Venera. Dan il-palazz imur lura għal żmien il-Kavallieri u jingħad li kien ir-raġuni għal parti mit-triq li kienet tgħaqqad lil Belt Valletta mal-Imdina, proprju issemmiet Triq il-Kbira San Ġużepp.

Din it-triq għal ħafna snin kienet l-itwal triq abitata bid-djar residenzjali f'Malta. Hija tifforma parti minn żewġ lokalitajiet, jiġifieri l-Ħamrun u Santa Venera. Fil-fatt, qabel ma twaqqfu dawn iż-żewġ parroċċi b'dik tal-Ħamrun fil-1881 u dik ta' Santa Venera 1918 l-isem tat-triq kien indikazzjoni għal-lokalità. F'mapep ta' qabel it-twaqqif tal-parroċċa tal-Ħamrun konna naraw l-isem tal-art f'dawn l-inħawi imniżla bħala Casale San Ġużepp.

Ftit wara l-1881 twaqqfet il-parroċċa tal-Ħamrun u li oriġinalment kienet ser tkun iddedikata lil San Ġużepp imma fuq xewqa tal-Isqof Gejtano Pace Forno t-titular inbidel għal dak preżenti ta' San Gejtanu. Malli twaqqfet din il-parroċċa, l-isem tal-lokalità sar dak ta' Ħamrun. Ftit tas-snin wara twaqqfet il-parroċċa ta' Santa Venera u għalhekk din it-triq inqasmet bejn żewġ parroċċi imma xorta baqgħet iżżomm l-isem ta' Triq il-Kbira San Ġużepp.

Il-Palazz u l-kappella ta' San Ġużepp kien bnihom il-Kommendator u Viċi-Kanċillier tal-Ordni ta' San Ġwann il-Kavallier Fra D. Eugen Ramirez Maldonato. Magħhom dan il-kavallier kien bena ġnien sabiħ ferm. Ma nafux eżatt jekk l-isem ta' San Ġużepp kienx qabel inbena dan il-bini imma kollox jindika li kienet din il-kappella li tat l-isem lit-triq li tibda minn ftit il-fuq minn din il-knisja u tibqa' sejra sal-Blata l-Bajda. Din il-kappella kienet ġiet iddedikata lil dan il-qaddis u jidher ċar li l-isem beda magħha.

Wara l-mewt tal-proprjetarju dan il-palazz waqa' f'idejn il-Gran Mastru li minn naħa tiegħu beda iċedi l-palazz lil kull kavallier li jkollu t-titlu ta' Gran Kruċ sal-mewt tal-kavallier partikolari. Meta dan il-kavallier kien imut, il-palazz kien jingħata lil dak il-kavallier li jiret it-titlu ta' Gran Kruċ.

Meta l-Franċiżi keċċew lil Kavallieri minn Malta u ħadu f'idejhom it-tmexxija tal-pajjiż il-Maltin ma damux ma qamu kontrihom u imblukkawhom il-ġewwa mis-swar tal-Belt Valletta u tal-Kottonera. Hekk naraw li beda żmien ikraħ għal Malta. Dan kien żmien ta' gwerra. Il-Mexxejja tal-Maltin kellhom bżonn post fejn jagħmluh bħala kwartit ġenerali. Dan il-post kien meħtieġ li jkun viċin tal-Belt kemm jista' jkun imma fl-istess ħin ma setax ikun f'żona ta' periklu minn xi attakk għall-għarrieda. Għalhekk bħala kwartir ġenerali għall-mxxeja tal-Maltin kien intgħażel dan il-palazz li minnu tista' tgħid li tmexxa l-imblokk kollu kemm hu. Fih konna nsibu lil Kanoku Franġisku Saverju Caruana u n-Nutar Manuel Vitali li fidejom kienet fdata t-tmexxija ta' Malta waqt l-imblokk.

Wara li telqu l-Franċiżi t-tmexxija ta' Malta għaddiet f'idejn l-Ingliżi, dan il-palazz għadda f'idejn il-gvern Ingliż fejn għal bosta snin tħalla fi stat ta' abbandun. Fil-1893, il-gvern Ingliż ċeda l-palazz lil Mons. Kan. Prof. F. Bonnici li ħadu f'idejh għall-99 sena. Il-ħsib ewlieni tal-kanonku Bonnici kien li jibdel dan il-palazz f'istitut għal subien iltima u fqar. Meta kien rettur tal-istitut, Dun Ġorġ Bugeja kabbar il-bini billi bena żewġ blokki biex fihom ikun jista' jilqa' t-tfal li kienu dejjem jiżdiedu.

Fil-1922 Monsinjur De Piro li kien ir-rettur tal-istitut kompla bena portijiet oħra li naraw illum fejn għaqad ma' dak il-bini li kien fadal mill-palazz l-antik. Għal bosta snin f'dan l-istitut konna nsibu stamperija li kienet waħda mill-aqwa li kellna f'pajjiżna. It-tfal li kienu residenti fl-isitut kienu jitħarġu fix-xogħol tal-istampar u f'diversi snajja oħra. Il-knisja l-antika ta' San Ġużepp kienet ġiet profonata fi żmien il-Franċiżi u għalhekk kella tinbena oħra mill-ġdid. Din inbniet tħares fuq Triq il-Kbira San Ġużepp kif narawha llum. Din hija sabiħa ferm u ta' daqs tajjeb ħafna u fiha insibu kwadru titulari sabiħ, xogħol ta' Lazru Pisani li juri lis-Sagra Familja. Illum din il-knisja hija sagramentali u fiha ssir il-quddies ta' kull jum u taqdi lir-residenti tal-madwar fil-parroċċa ta' Santa Venera.